



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

16.10.2013

B7-0465/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija għal tweġiba orali B7-0521/2013

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ġustizzja Elettronika 2014-2018
(2013/2852(RSP))

Klaus-Heiner Lehne, Juan Fernando López Aguilar

f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-
Ġustizzja u l-Intern

RE\1006727MT.doc

PE519.337v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0465/2013

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ġustizzja Elettronika 2014-2018 (2013/2852(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ġustizzja Elettronika Ewropew 2009-2013,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ġustizzja Elettronika 2014-2018 (O-000111/2013 – B7-0521/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) u l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ewwel Pjan ta' Azzjoni tal-Ġustizzja Elettronika Ewropew pluriennali jkopri l-perjodu 2009-2013 u fittex li jagħmel il-ġustizzja u s-sistema ġuridika aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini, u jtejjeb il-fehim reċiproku tal-prattikanti u l-amministrazzjonijiet billi jipprovdi għodod elettroniċi għall-informazzjoni u l-kooperazzjoni;
- B. billi l-Portal tal-Ġustizzja Elettronika tnedet fl-2010;
- C. billi issa wasal iż-żmien biex tittieħed deċiżjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ġustizzja Elettronika għall-2014-2018;
- D. billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ġustizzja Elettronika għandha tkun żviluppata fuq bażi ta' aċċess miftuħ u l-Istati Membri kollha għandhom jitħeġġu jipparteċipaw;
- E. billi l-kuxjenza dwar l-istrumenti tal-ġustizzja ċivili tal-UE u l-proċeduri transkonfinali hija relattivament baxxa, u billi 73 % taċ-ċittadini jemmnu li miżuri addizzjonali huma bżonnjużi biex jgħinuhom ikollhom aċċess għall-ġustizzja ċivili fi Stati Membri oħrajn¹;
1. Iqis li l-Ġustizzja Elettronika hija mezz li jippermetti aċċess akbar għall-informazzjoni ġuridika u ġudizzjarja, u għal proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi, kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-prattikanti;
 2. Iqis li l-Ġustizzja Elettronika għandha rwol importanti x'tilgħab biex tħeġġeġ il-fiduċja u l-fehim reċiproċi u b'hekk biex jissejjes ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u amministrattivi, li huwa prinċipju ewlieni tas-sistema ġuridika tal-UE;
 3. Jinnota li s-sistemi tal-Ġustizzja Elettronika, permezz tan-natura proprja tagħhom, għandhom ħabta jnaqqsu l-ispejjeż tal-proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi, b'mod partikolari permezz tal-awtomazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni, is-servizz tad-dokumenti u t-traduzzjoni ta' ċerti atti proċedurali; iqis li dan huwa fl-interess tal-partijiet interessati kollha fis-sistema ġudizzjarja; jemmen li, minħabba raġunijiet ta' kosteffiċjenza, il-proġetti għandhom jibqgħu volontarji;

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, *Eurobarometru Speċjali 351* (Ġustizzja Ċivili), Ottubru 2010, Mistoqsija 3.

4. Jilqa' l-iżvilupp ta' għodod tal-Ġustizzja Elettronika biex jiffaċilita l-użu ta' ċerti strumenti tal-UE bħall-Ordni ta' Ħlas Ewropea u l-Proċedura għal Talbiet Żgħar, kif ukoll is-sistemi tal-informazzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Intern, b'mod partikolari s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) II;
5. Jinnota l-importanza ta' Ġustizzja Elettronika għall-għoti ta' forom standard multilingwi u b'hekk għat-tnaqqis ta' burokrazija transkonfinali;
6. Jitlob għall-użu ta' applikazzjonijiet elettroniċi, l-għoti elettroniku ta' dokumenti, l-użu ta' vidjokonferenzi u l-interkonnessjoni ta' reġistri ġudizzjarji u amministrattivi li jridu jiżdiedu sabiex tonqos aktar l-ispiża tal-proċedimenti ġudizzjarji u kważiġudizzjarji;
7. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex ikomplu jaħdmu fuq kooperazzjoni elettronika fil-qasam tal-ġustizzja, b'mod partikolari billi jiġu estiżi l-applikazzjonijiet disponibbli fil-Portal tal-Ġustizzja Elettronika; iqis li għandha tingħata attenzjoni neċessarja biex jiġu żviluppati għodod tat-tagħlim elettroniku għall-ġudikatura;
8. Jinnota li l-Programm tal-Ġustizzja 2014-2020 tal-UE għandu jippermetti l-iffinanzjar ta' proġetti tal-Ġustizzja Elettronika Ewropej u nazzjonali li jirnexxu, li għandu jkollhom valur miżjud Ewropew reali għaċ-ċittadini; jemmen li x-xogħol leġiżlattiv, il-proġetti tal-Ġustizzja Elettronika u l-ippjanar tal-programmi finanzjarji għandhom ikunu simplifikati;
9. Jenfasizza l-importanza tal-portal tal-Ġustizzja Elettronika sabiex jibni kultura ġudizzjarja Ewropea vera billi jospita għodod onlajn għat-taħriġ ġudizzjarju u li jservi bħala strument tal-immaniġġjar tal-għarfien u tal-interkonnessjonijiet;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.